

Brussell, 12 ta' Mejju 2016
(OR. en)

8824/16

DEVGEN 87
ONU 55
RELEX 375
REGIO 23

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	12 ta' Mejju 2016
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8283/16	
Suġġett:	HABITAT III: L-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għat-Tielet Konferenza tan-NU dwar l-Akkomodazzjoni u l-Iżvilupp Urban Sostenibbli - Konklużjonijiet tal-Kunsill (12 ta' Mejju 2016)

1. Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għat-Tielet Konferenza tan-NU dwar l-Akkomodazzjoni u l-Iżvilupp Urban Sostenibbli, kif adottati mill-Kunsill fit-3462 laqgħa tiegħu li saret fit-12 ta' Mejju 2016.

Konklużjonijiet tal-Kunsill**HABITAT III: L-objettivi u l-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għat-Tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Akkomodazzjoni u l-Iżvilupp Urban Sostenibbli**

1. Dawn il-konklużjonijiet jistipulaw l-objettivi u l-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għat-3 Konferenza tan-NU dwar l-Akkomodazzjoni u l-Iżvilupp Urban Sostenibbli (HABITAT III, Quito, 17 – 20 ta' Ottubru), li ser tistabbilixxi Aġenda Urbana Ġdida globali.

Prinċipji gwida

2. Habitat III u l-Aġenda Urbana Ġdida li tirriżulta għandha tkun waħda mill-pilastri fl-implimentazzjoni tal-oqfsa multilaterali ġodda maqbula fl-2015: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Qafas Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju tad-Diżastri. L-iżvilupp urban sostenibbli ser ikollu rwol ewlieni fil-kisba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u Habitat III għandha tagħti impetu importanti speċjalment lill-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 11 li jappella sabiex “il-bliet u l-insedjamenti umani” jkunu “inklużivi, sikuri, reżiljenti u sostenibbli”, iżda wkoll għal għanijiet u miri rilevanti oħra fuq l-aġenda 2030.
3. Il-Konferenza Habitat III għandu jkollha l-għan li tilħaq l-objettivi definiti fir-Riżoluzzjoni A/RES/67/216 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, “li jiġi żgurat l-impenn politiku mġedded għal żvilupp urban sostenibbli [...] li jindirizzaw il-faqar u l-identifikazzjoni u l-indirizzar ta' sfidi ġodda u emerġenti”. Id-Dokument ta' Eżitu (l-Aġenda Urbana Ġdida) għandu jkun “konċiż, iffokat, iħares 'il quddiem u orjentat lejn l-azzjoni” u għandu jagħmel suġġerimenti konkreti dwar kif jiġu indirizzati l-isfidi mqajma mill-urbanizzazzjoni u d-demografija urbana u biex dawn jinbidlu f'opportunitajiet li ser jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu.

4. L-Aġenda Urbana Ġdida għandha tkun universali u trasformattiva minħabba li għandha tkun allinjata bis-sħiħ mal-prinċipji tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. Din għandha tkun il-bażi għal qafas globali mġedded ta' żvilupp urban. Għandha tkun sostnuta wkoll minn approċċ ibbażat fuq id-drittijiet, li jinkludi d-drittijiet kollha tal-bniedem. Għalhekk huwa importanti li din l-aġenda tiġi implimentata b'mod integrat fuq livell globali, nazzjonali, subnazzjonali u lokali mill-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati bl-appoġġ tas-sistema tan-NU, inklużi l-kummissjonijiet ekonomiċi reġjonali tan-NU u l-UN Habitat.
5. Din l-Aġenda Ġdida għandha tikkapitalizza fuq it-tagħlimiet meħuda mill-konferenzi preċedenti Habitat, iżda għandha toffri wkoll tweġibiet u soluzzjonijiet għall-iżviluppi u l-isfidi li rriżultaw wara l-Konferenza Habitat II: tkabbir mgħaġġel mingħajr preċedent ta' żoni urbani, iżda wkoll it-tnaqqis fil-popolazzjoni urbana f'żoni oħra; konċentrazzjoni ekonomika fiż-żoni urbani; impatti riżultat tat-tibdil fil-klima; stress akbar fuq is-saħħa tal-bniedem u r-riżorsi naturali u l-bijodiversità; in-nuqqas ta' akkomodazzjoni u bini sostenibbli; l-inugwaljanzi soċjali u ġeografiċi u xejriet ta' esklużjoni; żieda fin-nuqqas ta' sigurtà u l-vjolenza; degradazzjoni ambjentali; in-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel; ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni u migranti spustati.
6. Aħna ninnotaw li proċessi oħrajn jistgħu jikkontribwixxu għall-oġġettivi u l-prijoritajiet tal-UE u l-Istati Membri tagħha għal Habitat III, b'mod partikolari għall-Aġenda Urbana li jmiss tal-UE. Aħna nqisu li l-Aġenda Urbana Ewropea tista' ssir strument ewlieni għat-twettiq tal-Aġenda Urbana Ġdida.

Aħna nilqgħu id-dokument ta' diskussjoni tal-Kummissjoni Ewropea "It-tnejn ta' pożizzjoni komuni tal-UE u l-Istati Membri tagħha" bħala dokument ta' ħidma li jirrifletti l-oġġettivi tal-UE u l-Istati Membri tagħha dwar l-Aġenda Urbana Ġdida, bbażata fuq l-impenn kondiviż biex jintlaħaq l-għan ġenerali ta' żvilupp urban sostenibbli waqt li jittieħed kont tal-prinċipji ta' sussidjarjetà.

Objettivi: Erba' linji ta' azzjoni għall-Aġenda Urbana ġdida

7. L-UE u l-Istati Membri tagħha jqisu li approċċ olistiku, integrat u bbażat fuq il-post għall-iżvilupp urban, flimkien ma' viżjoni fit-tul, huwa meħtieġ sabiex jiġu promossi bliet ta' kull daqs li jkunu ġestiti tajjeb u abitabbli u soċjalment inklużivi, sikuri, reżiljenti, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ambjentalment sostenibbli kif ukoll ekonomikament prosperi, kif ukoll l-iżvilupp tal-kapaċità biex dawn jintlaḥqu. L-UE u l-Istati Membri tagħha jfakkru l-ħtieġa li dan l-approċċ jieħu kont tad-diversità tal-bliet u l-kuntest territorjali usa' tagħhom u li jippromwovi rabtiet urbani u rurali bi sħab mal-politika għall-iżvilupp rurali u l-agrikoltura bl-għan li tissaħħaħ il-koeżjoni territorjali. B'hekk, l-iżvilupp urban sostenibbli jipprovdi wkoll kontribut importanti lejn l-eliminazzjoni tal-faqar madwar id-dinja. Barra minn hekk, ir-rikonoxximent tar-rwol ċentrali tal-kultura, il-preservazzjoni u l-promozzjoni tal-wirt kulturali u naturali¹, flimkien mad-disponibbiltà ta' spazju pubbliku li huwa kondizzjoni fundamentali għal parteċipazzjoni u sjieda tal-partijiet kollha għall-kisba ta' dawn l-oġġettivi, huma parti minn dan l-approċċ.

F'dan ir-rigward, dawn li ġejjin għandhom ikunu il-komponenti ewlenin tal-Aġenda Urbana Ġdida:

- i) Il-promozzjoni ta' bliet inklużivi u sikuri: Inħeġġu sabiex jiġi indirizzat il-faqar urban u l-esklużjoni, filwaqt li jittieħed kont tad-dimensjoni spazjali tagħha, billi jiġu identifikati, indirizzati u prevenuti l-kawżi u l-effetti ewlenin tal-inugwaljanzi, tal-faqar urban u l-kunflitti permezz tar-regolamentazzjoni tas-swieq tax-xogħol, l-aċċess għall-impjiegi, l-edukazzjoni u l-ħiliet, teħid tad-deċiżjonijiet u ppjanar inklużiv u trasparenti, aċċess ugwali għal akkomodazzjoni bi prezz aċċessibbli u adegwata, is-salvagwardja u l-promozzjoni tas-sigurtà tal-pussess tal-art kif ukoll l-iżgurar tal-protezzjoni kontra l-iżgumbramenti furzati, il-benesseri personali u t-trawwim tal-impenn ċiviku, is-sigurtà tal-ikel, it-twassil trasparenti u effiċjenti ta' servizzi bażiċi, fosthom l-ilma, is-sanità u l-enerġija, il-mobbiltà sostenibbli u l-ispaceji pubbliċi u ħodor. L-Aġenda Urbana Ġdida għandha tindirizza l-ħtiġijiet speċifiċi ta' persuni u gruppi f'sitwazzjoni vulnerabbli u emarġinata, inklużi l-persuni b'diżabilità, il-persuni spustati u l-migranti. Għandha timmira wkoll sabiex tindirizza kull forma ta' diskriminazzjoni kontra n-nisa, u tagħti attenzjoni speċifika lill-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa, inkluż fl-ippjanar u l-iżvilupp tal-belt, sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal tan-nisa bħala atturi ta' bidla.

¹ Meta wieħed iqis b'mod partikolari ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Nru 2001/C 73/04 dwar il-kwalità tal-arkitettura fl-ambjent urban u rurali (ĠU C 73/6, 12.2.2001).

- ii) Il-promozzjoni ta' blier ekoloġiċi u reżiljenti: Aħna nħeġġu r-rikonoxximent li s-sostenibbiltà ambjentali hija fundamentali għall-iżgurar tal-prosperità u l-benesseri tal-persuni kollha fil-limiti planetarji billi l-użu sostenibbli ta' riżorsi naturali inkluża l-ħamrija maħruta u billi titrawwem it-tranżizzjoni sistemika lejn soċjetà newtrali fil-karbonju u fir-riżorsi. Għal dan l-għan, il-blier għandhom jiffukaw fuq l-effiċjenza tar-riżorsi, fost l-oħrajn, permezz ta' ġestjoni effettiva ta' artijiet, ġestjoni tat-territorju integrat, il-prijoritizzazzjoni ta' tiġdid urban, disinn u għodod ta' tmexxija b'livell baxx ta' karbonju sabiex jitnaqqas it-tixrid urban u jissaħħaħ il-prinċipju ta' "aktar minn użu wieħed tal-ispazju", filwaqt li jissaħħu u jiġu żviluppati kapaċitajiet ta' disinn professjonali. Aħna nenfasizzaw ukoll l-importanza ta' xejriet sostenibbli ta' produzzjoni u konsum, il-ħtieġa li tittejjeb il-kwalità tal-arja, il-promozzjoni ta' trasport intelliġenti u pubbliku b'livell baxx ta' karbonju bi prezz aċċessibbli, li jkun sostenibbli, u aċċessibbli, kif ukoll żvilupp ekoloġiku fis-settur privat u intraprenditorija sostenibbli fil-livelli kollha, l-iżgurar ta' ġestjoni tajba tal-iskart, il-minimizzazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi, kif ukoll il-promozzjoni ta' soluzzjonijiet lokali tal-enerġija rinnovabbli u ekonomija ċirkolari. Aħna nagħtu prijorità lill-adattament u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima f'appoġġ għar-reżiljenza tal-iblier għal għargħar, mewġiet ta' sħana, nuqqas ta' ilma, nixfiet u perikoli naturali. Aħna nħeġġu l-użu ta' infrastrutturi ekoloġiċi u blu bħala soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, flimkien ma' infrastruttura preventiva u ppjanar territorjali u spazjali integrat sabiex jiġu ġġenerati servizzi tal-ekosistema li jtejbu s-saħħa tal-bniedem u jagħmlu tajjeb għall-bijodiversità, kif ukoll jipprevjenu diżastri relatati mat-tibdil fil-klima u jnaqqsu l-użu tal-enerġija. L-urbanizzazzjoni tal-kosti u d-delta f'dan ir-rigward qed jiffaċċjaw tensjonijiet estremi u speċifiċi minħabba l-kombinament ta' dinamiċi soċjoekonomiċi u ambjentali.

- iii) Il-promozzjoni ta' bliet għanja u innovattivi: Aħna nħeġġu t-tisħiħ tal-potenzjal endogen u tal-bliet biex jipprovdu kwalita' tajba ta' ħajja għal kulħadd, inkluż il-popolazzjoni żagħżuġha, billi nappoġġaw l-iżvilupp ekonomiku lokali, il-promozzjoni tal-innovazzjoni, inkluż l-innovazzjoni soċjali, it-tkabbir ekonomiku inklużiv u xogħol deċenti għal kulħadd, filwaqt li jirrispettaw l-ambjent u jsaħħu l-ugwaljanza u l-integrazzjoni soċjali. Dan jeħtieġ ambjent ta' negozju responsabbli li jwassal biex jattira l-investment, l-aċċess għal ħafna soluzzjonijiet intelliġenti tal-ICT u teknoloġija nadifa, f'konformita' mal-kunċett tal-bliet intelliġenti, politiki u regolamenti trasparenti u prevedibbli. Dan jeħtieġ ukoll aċċess għal faċilitajiet ta' infrastruttura, b'mod partikolari ċentri tan-negozju, faċilitajiet edukattivi u ta' riċerka u swieq. Aħna ninkoraġġixxu l-formalizzazzjoni tal-ekonomija informali. It-tisħiħ tat-tkabbir fis-setturi soċjoekonomiċi għandhom jimxu id f'id ma' miżuri biex tittejjeb ir-reżiljenza urbana, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u ekoloġika, jitnaqqas il-ħela tal-ikel u l-promozzjoni tal-metaboliżmu urban sostenibbli bil-għan li jitnaqqas l-inugwaljanzi urbani u jiġu żviluppati sħubijiet rurali-urbani.
- iv) Il-promozzjoni ta' governanza urbana tajba: Aħna nħeġġu l-iżvilupp u t-tisħiħ leġittimu, effettiv responsiv, responsabbli u trasparenti tal-gvernijiet lokali u nazzjonali li jseguw proċessi ta' teħid tad-deċiżjonijiet inklużivi, ibbażati fuq l-evidenza u parteċipatorji li jippromwov approachi ta' bosta atturi. Dan jeħtieġ oqfsa ta' politika legali u deċentralizzata bbażati fuq id-drittijiet fil-livell nazzjonali, f'konformita' mal-prinċipju tas-sussidjarjeta'. Tali oqfsa ta' politika għandhom jiżguraw diviżjoni ċara tas-setgħat u l-kompetenzi u t-tnejn jagħtu setgħat lill-awtoritajiet lokali biex jimplimentaw b'mod effettiv il-politiki nazzjonali kif ukoll jinvolvuhom bħala dawk li jfasslu l-politika stess, sabiex ikunu jistgħu jieħdu r-rwol tagħhom bħala atturi ewlenin fl-iżvilupp urban sostenibbli. Għal dan l-għan, l-awtoritajiet lokali, b'mod partikolari permezz tal-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tal-gvern lokali tagħhom, u c-ċittadini għandhom ikunu involuti u kkonsultati fl-istadji kollha ta' ċiklu ta' politika, mill-ippjanar sal-implimentazzjoni, f'sistema li tkun imfassla sew ta' governanza f'diversi livelli, u b'hekk tikkontribwixxi għal tisħiħ tad-demokrazija. Aħna inkomplu nħeġġu li l-bliet jiġu ppjanati u ġestiti lil hinn mill-fruntieri amministrattivi b'kont meħud taż-żona urbana funzjonali u msejjes fuq rabtiet urbani u rurali.

L-awtoritajiet lokali, f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, huma f'pożizzjoni aħjar biex jamministraw l-vulnerabbiltà għal firxa tar-riskji naturali u daww ikkawżati mill-bniedem u xokkijiet u t-tranżizzjoni lejn bliet sostenibbli.

Il-governanza urbana tajba teħtiegħ finanza muniċipali sodi. Dan jista' jinkludi, fejn xieraq, id-deċentralizzazzjoni finanzjarja għal-livell sottonazzjonali li jiffaċilita l-aċċess tal-awtoritajiet lokali għal riżorsi finanzjarji, inkluż it-tisħiħ tad-dħul mis-sors tagħhom stess. Il-ġestjoni baġitarji effettiva u trasparenti u l-akkwist għandhom jiġu msaħħa, kif ukoll il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet lokali biex jiġu mobilizzati b'mod aktar effiċjenti tad-diversi sorsi ta' finanzjament.

Aħna nħeġġu t-trawwim tal-bini tal-kapaċità, inkluż permezz tal-ħolqien, ir-rendikont, it-tixrid u l-iskambju ta' għarfien. Għal dan l-għan, "peer-to-peer", b'mod partikolari il-kooperazzjoni bejn il-bliet tikkontribwixxi għal sħubijiet fit-tul ta' benefiċċju li jistgħu jiffaċilitaw l-involviment ta' kulħadd. F'dan ir-rigward, aħna nappoġġaw l-iżvilupp u l-użu ta' valutazzjoni komparattiva u għodod ta' monitoraġġ sempliċi biex jgħinu lil daww li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livell lokali biex jiġu identifikati soluzzjonijiet kosteffettivi.

L-implimentazzjoni tal-Aġenda Urbana Ġdida

8. L-Aġenda Urbana Ġdida trid tinkludi mekkaniżmu ta' segwitu u ta' reviżjoni koerenti, effiċjenti u inklużiv, b'kontribut għas-sistema ta' segwitu u reviżjoni li għandha tkun miftiehma għall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-implimentazzjoni ta' Aġenda Urbana Ġdida ser tiġi mkejla, immonitorjata u rriveduta abbażi tas-sett rilevanti ta' indikaturi li jkejlu l-implimentazzjoni tal-SDG. Aħna nirrikonoxxu li dan il-qafas għandu jkun flessibbli u miftuħ għal bidliet u modifiki bbażati fuq titjib metodoloġiku u disponibbiltà tad-data.

Il-proċess ta' segwitu u ta' reviżjoni tal-Aġenda Urbana Ġdida għandhom jibnu fuq pjattaformi u proċessi eżistenti fejn dawn jeżistu u jevitaw d-duplikazzjoni. B'mod konsistenti mal-prinċipji stabbiliti fl-Aġenda 2030, il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, b'mod partikolari l-awtoritajiet lokali, ser jeħtieġu li jkunu assoċjati mill-qrib u jkunu involuti, f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà, il-proporzjonalità u l-governanza f'diversi livelli. Il-proċess ser jikkontribwixxi lejn l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, billi jappoġġa r-reviżjonijiet tematiċi ta' progress dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli fil-Forum Politiku ta' Livell Għoli, u lejn l-implimentazzjoni tal-Qafas ta' Sendai u lejn il-wegħda ta' Kontributi Maħsub Determinati fil-Livell Nazzjonali.

L-UE u l-Istati Membri tagħha jikkunsidraw li l-għbir tad-data u l-indikaturi huma essenzjali kemm f'livell nazzjonali u kemm f'livell lokali biex jiġi ssorveljat il-progress miksub u jiddeċiedu dwar l-aġġustamenti ta' implimentazzjoni. Id-data ġġenerata għandha tkun trasparenti, aċċessibbli għal kulħadd u diżaggregata kif xieraq sabiex taqbad l-inugwaljanzi eżistenti u l-isforzi biex jiġi promoss l-iżvilupp inklużiv. Barra minn hekk, biex tkun appoġġata l-governanza urbana tajba, inħeġġu l-lokalizzazzjoni ta' dawn l-indikaturi.

9. L-UE u l-Istati Membri tagħha jirrikonoxxu li l-implimentazzjoni ta' Aġenda Urbana Ġdida komprensiva tirrikjedi appoġġ tal-mezzi kollha ta' implimentazzjoni, fil-livelli kollha.

Fil-fatt, l-ekwivalenti tal-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030, Habitat III ser teħtieġ li tiġi implimentata permezz ta' taħlita ta' interventi: politika ambjentali abilitanti u vantaġġuża; l-iżvilupp tal-kapaċità biex jinkisbu r-riżultati; il-mobilizzazzjoni u l-użu effettiv tal-finanzi pubbliċi domestiċi u internazzjonali; il-mobilizzazzjoni tas-settur privat domestiku u internazzjonali; l-istimolazzjoni tal-kummerċ u l-investimenti; il-promozzjoni tax-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali.

L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw l-involvement effettiv tal-awtoritajiet lokali fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Urbana Ġdida, ta' Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli u l-Aġenda 2030, inkluż permezz tal-aċċess tagħhom għal sorsi ta' finanzjament pubbliċi u privati skont l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, inkluż għal biżżejjed flussi ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) u oqfsa li jiffaċilitaw it-taħlit tal-ODA ma' self.

10. Aħna nimpenjaw ruġna biex inħejju u nimplimentaw l-Aġenda Urbana Ġdida bl-involvement attiv tal-awtoritajiet lokali u l-assoċjazzjonijiet tagħhom, u s-soċjetà ċivili, inklużi arranġamenti u sħubijiet istituzzjonali b'diversi atturi, organizzazzjonijiet mhux governattivi, rappreżentanti tas-settur privat, u partijiet ikkonċernati oħra.

Passi li jmiss

11. L-UE u l-Istati Membri tagħha jtennu l-impenn tagħhom għal eżitu ta' suċċess tal-Konferenza Habitat III li jwassal għall-formulazzjoni ta' Aġenda Urbana Ġdida globali li tirrispondi b'mod effettiv għall-isfidi u l-opportunitajiet offruti mill-bliet tas-seklu 21. Għal dan l-għan, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikomplu jiżviluppaw u jaġġornaw il-pożizzjonijiet komuni u jinvolvu ruħhom b'mod effettiv u b'manjiera unifikata fin-negozjati internazzjonali attwali.
-